

- 2) Id-digriet tal-31 ta' Jannar 2011, Westfälisch-Lippischer Sparkassen- und Giroverband vs Il-Kummissjoni (T-457/09 R), huwa rrevokat.
- 3) It-talbiet għal intervent ta' Westdeutsche ImmobilienBank AG, ta' Landschaftsverband Westfalen-Lippe, ta' Landschaftsverband Rheinland, ta' WestLB, tal-Land Nordrhein-Westfalen u ta' Rheinischer Sparkassen- und Giroverband tilfu l-iskop tagħhom.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Marzu 2011 —  
Visti Beheer vs UASI — Meister (GOLD MEISTER)**

**(Kawża T-372/09)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Komunitarja GOLD MEISTER — Trade marks verbali nazzjonali u Komunitarja preċedenti MEISTER — Raġuni relativa għal rifut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattività għal rifut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 21-24, 37, 38)*

**Suġġett**

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1465/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Meister & Co. AG u Visti Beheer BV.

## Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Visti Beheer BV
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva GOLD MEISTER għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 14, 16, 35, 37, 40 u 42 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5243209
Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Meister & Co. AG
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal- oppożizzjoni:	Trade mark verbali Ġermaniża Nru 39534716 u Trade mark Komunitarja Nru 2607737 MEISTER għal prodotti fil- klassi 14, billi l-oppożizzjoni hija intiżha biss kontra r-reġistrazzjoni għall-prodotti ta' din il-klassi
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
  
  
  
- 2) Visti Beheer BV hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż tal-UASI.
  
  
  
- 3) Meister & Co. AG għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.